MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 168/2011

Kawza fil-lista: 39

**B D**
**vs**
**E F, u id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat ir-rikors ta' l-attrici B D ipprezentat fl-20 ta’ Mejju 2011 li permezz tieghu gie premess:

Illi fit-30 ta’ Jannar 2011 l-esponenti kellha tifel li semmietu H;

Illi l-esponenti hija xebba u dan it-tifel gie kkoncepit u twieled frott ta' relazzjoni li kellha mal-intimat E F;

Illi l-intimat E F qieghed jirrifjuta li jirikonnoxxi lil H D bhala ibnu u dana ghalkemm interpellat biex jaghmel hekk anki b' datata 23 ta' Frar 2011;

Illi l-esponenti trid li l-intimat E F ikun indikat (fuq ic-certifikat tat-twelid) bhala l-missier tal-minuri H u thoss li dan ikun fl-ahjar interess tat-tifel, izda thoss li hemm ragunijiet validi biex il-kura u l-kustodja (setgha ta' genitur) fuq H tigi akkordata eslussivament lill-esp[onenti *a tenur* tal-Artikolu 90 (2) Kap 16;

Talbet lil din il-Qorti sabiex :

1. Tiddikjara u tistabiixxi, prevja l-applikazzjoni tal-Artikolu 100A KAp 16 fil-kaz ta' kontestazzjoni, li l-intimat E F huwa l-missier ta' H D li twieled fit-30 ta' Jannar 2011, f' Tal-Qroqq, Msida Malta;

2. Tawtorizza lil H D jadotta l-kunjom ta' missieru kif stabbilit;

3. Tordna li l-intimat Direttur Registru Pubbliku jaghmel il-bdil li hemm bzonn fic-certifikat tat-twelid numru progressiv 576/2011 biex fl-ispazju mholli ghall-isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, jkun hemm: Lydel F, u ghal taghrif dwar Missier it-Tarbija jidhlu s-segwenti dettalji tal-konvenut: Roderock F, dokumnet ta' identita: 0521885M, bhala eta: 25, bhala post ta' twelid: Pieta; bhala residenza Zejtun u bhala isem ta' missieru u dwar hux haj jew mejjet: Emanue F (Alive).

3. Fil-kaz li tistabilixxi l-paternita kif mitlub takkorda l-kura u l-kustodja (setgha ta' genitur) tal-minuri H esklussivament lill-esponenti u taghti dawk il-provedimenti kollha li jidhrilha xierqa;

Bl-ispejjes kontra l-intimat u b'riserva ghal kwalunque azzjoni ohra naxxenti kontra l-intimat E F inkluz manteniment ghall-minuri H.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-attrici;

Rat ir-risposta guramentat tad-Direttur Tar-Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi in vena preliminari ghallinqas mill-atti li gew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehitega li permezz taghha B D giet mahtura bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri H D skond id-dettami tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjatment l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsm mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, b'referenza ghar-raba' talba tar-rikorrenti l-esponenti jwiegeb li huwa mhuwiex il-legittmu kontradittur taghha;

4. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunque kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta gurmantata tal-konvenut E F li permezz taghha eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok, mhuwiex minnu li l-eccipjenti qieghed jirrifjuta li jirrikonoxxi lill- minuri stante li huwa ghamel diversi tentattivi sabiex tigi stabbilita l-paternita ta' l-istess minuir, izda kienet l-attrici li ma kkoperatx sabiex isiru it-testijiet relattivi tad-DNA;

Illi fi kwalunque kaz, l-eccipjenti huwa dejjem dispost li jissottometti ruhu ghat-testijiet tad-DNA sabiex tigi stabbilita l-paternita tal-minuri;

Illi jigi rilevat li r-raba talba, ma tistax tigi trattata minn din l-Onorabbli Qorti stante li ma gietx adoperata l-procedura ta' medjazzjoni;

Illi in vista tal-premess, l-eccipjenti ma ghandux ibati l-ispejjez ta' din l-istanza;
Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat is-sentenza *in parte* ta’ din il-Qorti moghtija fil-31 ta’ Mejju 2012 li permezz taghha gew milquwgha l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba attrici u l-kawza thalliet ghall-kontinwazzjoni dwar ir-raba’ talba attrici sabiex taghti opportunita’ lill-partijiet imorru ghall-medjazzjoni.

Rat in-nota konguntiva tal-kontendenti pprezentata fl-20 ta’ Frar 2013 li permezz taghha pprezentaw kopja tal-iskrittura ta’ bejniethom li fejn itransigew il-mertu tar-raba talba attrici.

Rat id-digriet fl-udjenza tat-2 ta' Novembru 2012 fejn ikkonfermat lill-attrici bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri H;

Rat l-atti kollha.

Li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar ir-raba’ talba.

Ikkunsidrat

Fl-iskrittura ta’ transazzjoni datata 28 ta’ Jannar 2013 il-partijiet ftehmu dwar kura u kustodja tal-minuri kif ukoll dwar il-manteniment li l-konvenut F ghandu jhallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri. Fis-seduta tal-20 ta’ Frar 2013 l-attrici u l-konvenut F talbu li tinghata sentenza li fiha jigi inkorporat il-ftehim milhuq bejn il-partijiet.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qeghda tiddisponi mir-raba talba attrici bil-mod segwenti:

1. Tilqa’ r-raba’ talba attrici u takkorda l-kura u kustodja tal-minuri H imwieled fit-20 ta’ Jannar 2011 esklussivament lil ommu l-attrici B D li fuqha qed jigi impost l-obbligu li tinforma lill-konvenut E F b’mod regolari bit-trobbija tal-minuri kif ukoll dwar is-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri. Decizzjonijiet straordinarji dwar sahha u edukazzjoni li jirrigwardjaw lill-minuri ghandhom jittiehdu mill-partijiet flimkien.

2. Tordna li l-konvenut F ikollu access ghall-minuri. Il-modalita’ ghandha tkun fil-granet u fil-hinijiet li l-partijiet minn zmien ghal zmien jiftehmu. F’kaz li ma jkunx hemm ftehim, l-access tal-missier ghall-minuri ghandu jkun nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Hamis bejn il-5.00pm u s-7.00pm u nhar ta’ Sibt bejn l-10.00am u nofsinhar.

3. Tordna lill-konvenut E F ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri is-somma ta’ mija u hamsa u tmenin ewro (Eur. 185) fix-xahar sakemm jaghlaq tmintax-il sena, jew sakemm jaghlaq tlieta u ghoxrien sena jekk ikun ghadu qed jisegwi kors edukattiv *full time* u dan minkejja kwalunkwe stipendju li jista’ jkollu dritt ghalih izda ghandu jieqaf jekk it-tifel ikollu impieg li jirrendilu l-paga li flimkien mal-istipendju jammonta ghal paga minima nazzjonali. Il-manteniment jigi rivedut kull tlett snin b’effett mill-15 ta’ Settembru 2012 skond l-indici tal-gholi tal-hajja kif stabbilit bl-iskeda annessa mal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta’ Malta jew b’ligi ohra simili.

4. Tordna lill-konvenut E F sabiex jeffettwa l-pagament tal-manteniment lill-attrici mhux aktar tard mill-hmistax-il jum ta’ kull xhar, liema pagament ghandu jigi effettwat fil-kont bankarju li l-attrici ghandha mal-H.S.B.C. Bank Malta p.l.c. fil-fergha taz-Zejtun bin-numru indikat fl-iskrittura ta’ transazzjoni. Fl-eventwalita’ li l-minuri jaghlaq tmintax-il sena u jibqa’ intitolat ghall-manteniment, il-

manteniment jithallas direttament lil H anke jekk ikun ghadu qed jirrisjedi ma' ommu.

5. Tordna lill-konvenut E F sabiex oltre l-manteniment fuq ordnat ihallas ukoll b'effett mill-15 ta' Jannar 2013 is-somma addizzjonali ta' hamsa u ghoxrien ewro (Eur.25) fix-xahar bhala kontribuzzjoni ta' spejjez ohra mehtiega ghat-trobbija tat-tifel li huma konnessi ma' edukazzjoni, sahha, uniformijiet u spejjez simili. Kwalunkwe spiza straordinarja jew ta' emergenza ghandha tinqasam ugwalment bejn l-omm u l-missier. Din il-kontribuzzjoni ta' Eur.25 fix-xahar ghandha tithallas flimkien mal-manteniment fuq ordnat u tizdied kull tliet snin b'somma ta' hamsa u ghoxrien ewro (Eur.25), u tibqa' hekk tizdied kull tlett snin.

Bl-ispejjez jinqasmu ugwali bejn l-attrici u l-konvenut E F.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------